MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Talba Numru. 2287/2003

**SMS Insurance Agency Ltd (C5645)**

**Vs**

**Conti Mark (ID 120372M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Novembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1038.30 (elf u tmienja u tletin Lira Maltin u tletin centezmu) bhala ammont dovut in konnessjoni mall-kawza John Lentini nomine vs Lawrence Muscat stante li s-socjeta` attrici ma kienitx obbligata taht il-polza mahruga f'isem il-konvenut illi thallas l-ammont li ghalih qed issir din il-kawza.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Ammont dovut in konnessjoni mall-kawza John Lentini nominee vs Lawrence Muscat (Avviz numru 238/02AJD) stante li s-socjeta` attrici ma kienitx obbligata taht il-polza mahruga f'isem il-konvenut illi thallas l-ammont li ghalih qed issir din il-kawza, u dan peress illi l-konvenut ma kienx kopert taht din il-polza, stante illi agixxa bi ksur ta' xi kundizzjonijiet fl-imsemmija polza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-varji interpellazzjonijiet, tal-mandat ta' sekwestru u bl-imghaxijiet mid-data ta' meta l-ammont sar dovut, kontra l-konvenut, li sa minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi l-ammont mitlub mhux dovut mill-konvenut stante illi l-konvenut ma kienx involut fl-incident indikat fl-avviz u lanqas ma kien parti fil-kawza indikata fl-avviz.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kawza attrici tikkoncerna talba kontra l-konvenut talli una volta naqas li jonera li l-polza ta' assigurazzjoni vigenti bejn il-partijiet, is-socjeta` attrici kellha taghmel fronti ghal spejjes ta' kawza wara li l-karozza tieghu kienet involuta f'kollizzjoni.

Jirrizulta illi l-konvenut kien propretarju ta' vettura assigurata ma' l-istess socjeta` attrici. Sussegwentement dana bieghha lil *dealer* u dana bieghha lill haddiehor. Fil-frattemp meta din kienet f'idejn it-tielet persuna dana kien involut f'incident u saret kawza li kellha taghmel fronti ghaliha s-socjeta` attrici.

Bil-prezenti proceduri qed tigi mitluba r-rifuza ghall-ispejjes. Huwa ovvju illi una volta persuna propretarju ta' vettura tbieghha lil terza persuna ohra ghandhom jigu nfurmati sia dawk l-awtoritajiet tal-Pulizija u tat-Transport u amministrattivi ohra u sia s-socjeta` assiguratrici. Il-

polza ta’ assigurazzjoni hija kuntratt sinallagmatiku bejn is-socjeta` attrici u l-assikurat taghha. Vera li l-oggett tal-polza hija vettura pero` meta l-vettura ma tibqax fil-pussess ta’ l-istess kontendent maghha, allura dik il-polza ma tkunx aktar applikabbli. Il-polza ta’ assigurazzjoni ma timxix mal-vettura ghax il-polza hija mahruga mhux lill-vettura izda fuq il-vettura pero` lil persuna ohra. F’dan ic-cirku kollhu l-konvenut naqas illi jinforma lis-socjeta` assiguratrici tieghu li kien biegh l-vettura. Id-*dealer* reggha bieghha lil terza persuna ohra u meta kienet f’idejh dan kien involut f’habta ta’ karozza. F’dawk il-proceduri gudizzjarji ma gewx difizi mill-istess terza persuna u allura s-socjeta` attrici kienet qed taghmel fronti ghall-istess.

Il-polza esebita a Fol 42 fil-process u kif anka hemm indikat fil-kollizjoni li grat a Fol 27 tal-process kollox jindika illi l-konvenut kien l-*policy holder* u *registered owner*. It-transfer ta’ vettura huwa l-att li jittrasferixxi propjeta` ta’ vettura. Il-proprjeta ta’ vettura ma tigix trasmessa billi semplicement taghti l-karozza lil persuna ohra. Dana anka huma sanciti fl-M.V.R. Regulation 652 u S26/3.

Da parti tieghu l-konvenut jinvoka l-Artiklu 1031 tal-Kodici Civili li jghid illi persuna li tkun responsabbli ghal dak id-dannu minnha kagunat. L-azzjoni attrici hija wahda vera ta’ danni pero’, kien in-nuqqas ta’ l-istess konvenut illi jonera l-istess kondizzjonijiet ezistenti fil-polza ta’ assigurazzjoni bejnu u bejn is-socjeta` attrici. Dina kellha taghmel fronti ghal dawk l-ispejjes minnha invokati.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u tlett liri Maltin u tletin centezmu (Lm103.30), bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------